KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 91

Il-wieħed u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku (daħal fis-6.30) |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier (daħal fis-7.45pm) |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier (daħlet fis-7.15) |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.15 b'din l-Agenda:*

*91.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*91.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*91.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*91.5 Rapporti;*
*91.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*91.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*91.8 Mozzjonijiet ;*
*91.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 91.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

91.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera N. Castaldi Paris u D. Muscat. Kien hemm qbil li t-tnejn jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 91.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

91.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 90 tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

91.2.2 Saret korrezzjoni f'punt 90.9.8 kif ġej: Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil dwar dan.

91.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 90. Il-Kunsillier P. Radmilli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 90_15/11/2018*

## 91.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

91.3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq Nicolo Isouard tlesta. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet hux kollox sew. Is-Sindku informa li ġie l-perit jiċċekkja x-xogħol. Kien hemm xi affarijiet zgħar bħal *aligment* tal-bankina, dan ġie aċċettat u infurmat li ser jitnaqqas l-ammont meħtieġ skont iċ-ċertifikazzjoni tal-perit mill-kont. *Triq Nicolo Isouard*

91.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill għadu ma rċeviex raguni dwar il-ghala l-applikazzjoni għal tibdil fl-isem ta' Triq San Trofimu ma gietx accettata mill-i*Street Naming Committee*. *Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor*

91.3.3 B'referenza għall-aħħar deċizjoni tal-Kunsill li ttieħdet biex jiġi imħejji *survey* b'mod rapprezentattiv intalbet stima mill-kumpanija MISCO u infurmaw li l-prezz se jkun l-istess ta' l-aħħar darba meta kien sar fl-2016. Kien hemm qbil li l-mistoqsijiet għal dan is-*survey* ikunu kif ġej : *Hamiem*

1. *Do you think there is a pigeon problem in Sliema?*
2. *Do you agree with pigeon culling ?*
3. *Do you agree with the Government's decision to prohibit pigen culling?*

Il-Kunsill għandu jipproċedi b'dan is-*survey*.

91.3.4 Dwar t-tender tal-*cash in transit*, il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntratt se jiġi ffirmat ma' City Security u għandu jibda f'Jannar 2019. *Cash in transit*

91.3.5 Dwar punt 90.3.6 dwar it-tender tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini, s-Sindku informa li l-Kunsill għandu appell b'hekk il-proċess tat-tender għalissa huwa wieqaf. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-*contracts manager* għandu jagħmel aktar spezzjonijiet tal-latrini. *Tender -Latrini*

91.3.6 Dwar UDF is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill irċieva risposta mill-PA kif ġej: li €4.5 miljun huma mizmuma għall-*carpark*, €250,000 għall-proġett tal-latrina tax-Xatt, kif ukoll madwar €300,000 għall-bankini fi Triq il-Kbira. *UDF*

Dawn il-kuntratti ta' finanzjament għandhom jiġu iffirmati la darba jinħareġ il-permess tal-Planning. Il-Kunsill għandu jibgħat applikazzjonijiet formali ghall-finanzjament ta' kull progett sal-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill ġie infurmat li l-ammont li jifdal, u li mbghad jibda jiggemma fil-fond, se jkun qiegħed jitneffaq għall-proġett 'car park tal-Universita'.

*Il-kunsillier P. Portelli ħareġ fis-6.55pm u daħal lura 6.59pm*

Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li niktbu lill-PA u ngħidulhom li l-Kunsill ma jaqbilx li l-fondi tas-Sliema jinteffqu għall-proġetti f'lokalitajiet oħra. Il-Viċi Sindku propona li jsir protest ġiudizzjarju

f'Jannar dwar dan il-fatt. Kien hemm qbil dwar dan.

91.3.7 Dwar it-talba mill-Parrocca Sacro Cuor għal manutenzjoni estensiva taz-zuntier, il-Kunsill għandu jsaqsi għall-istima u l-pjanta. *Zuntier – Sacro Cuor*

91.3.8 Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun qiegħed jibda s-servizz tal-knis bl-iskema l-ġdida skont iz-zoni f'Jannar 2019. *Knis fit-toroq*

**91.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

91.4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-laqgħa li kellha ssir mal-Greenpak tħassret. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill għandu jordna lill-Greenpak sabiex iqabbdu l-istess kuntrattur tal-ġbir ta' skart mhallat biex jiġbor il-ħġieġ u skart riciklabbli. *Gbir tal-ħġieġ*

Sakemm l-izbalji fil-gbir rimarkati mill-contract manager jibqghu ghaddejin, l-Kunsill ghandu jqabbad lill-kuntrattur tal-iskart mhallat sabiex jirrimedja, u jintbghat umbghad l-kont lill-Greenpak. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lil Greenpak dwar din id-deċizjoni biex jinbidel il-kuntrattur għall-ġbir tal-iskart riciklat. Il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill jaddata *policy* li fuq rakkomandazzjoni tal-*contracts manager*, il-Kunsill joħroġ multi skont regolamenti tal-kuntratt. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jkunu jista jiddeċiedi flimkien mal-*contracts manager* meta għandhom joħorġu dawn il-multi, u wara javza lill-Kunsill bid-deċizjonijiet.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-7.15pm*

91.4.2 Is-Sindku ressaq korrispondenza mill-Għaqda Nanniet Malta fejn infurmaw li dawn jixtiequ jorgannizzaw attivitajiet fejn talbu lill-Kunsill biex jgħinhom għal riklamar fuq is-*social media* tieghu. Kien hemm qbil dwar dan. *Attivitajiet Nanniet Malta*

91.4.3 Il-Kunsill ġie infurmat li ġie avviċinat minn kumpanija oħra tar-roti li jahdmu bl-elettriku u qegħdin jissuġġerixxu li jkun hemm *red spots* fejn jipparkjaw dawn il-*bicycles*. Wieħed minn dawn il-postijiet li ssuġġerew huwa x-Xatt (ma' Triq Manwel Dimech). *Electrical bicycles*

Il-Kunsillier P. Portelli talab li jekk se ssir xi laqgħa jixtieq li jkun prezenti. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li dawn għandhom numru ta' reġistrazzjoni allura dawn bilfors se jinstaqu fit-toroq, jew anke fuq il-promenade, f'xi ħin jew ieħor.

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li dan huwa tip ta' *advertising* għal din il-kumpanija allura għandhom iħallsu għar-riklamar skond il-*Bye Law*. Il-Kunsill għandu jirrispondi, li ma jaqbilx li dawn għandhom jitpoġġew fuq il-*promenade* jew ix-Xatt. Il-Kunsill qabel, izda, li dawn jistghu jitqeghda *Red Square* u jkollhom jitnehhew meta jkun hemm attivita tal-festa.

91.4.4 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm karrozzi tal-kiri li qegħdin jitħallew barra fit-triq matul il-lejl f'Dingli Circus u postijiet oħra. Il-Kunsillier Pillow għandu jibgħat aktar dettalji lill-uffiċċju sabiex jirraporta lill-Pulizija. *Karrozzi tal-kiri*

91.4.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar *Junior College Orchestra* għax m'għamlux parti mill-ativitajiet tal-Milied. Il-Kunsill ġie infurmat li sfortunatament din-is-sena ma' setgħux jiġu. *Ativitajiet tal-Milied*

91.4.6 Dwar it-tizjin tal-Milied, ġie nnotat li din is-sena kien hemm dehra aħjar. Il-Kunsillier J. Pillow zar ħafna ħwienet fejn ħeġġiġhom biex izejjnu. Il-Kunsill ma' ħareġ l-ebda nfiq għat-tizjin hlief dawk elenkati mis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill informa li l-attivitajiet tal-Milied għadhom għaddejjin u l-Kunsill se jkun qiegħed iħallas għall-attivitajiet.

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-7.45pm*

91.4.7 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li fuq l-*ispeakers* jingħad ukoll il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

91.4.8 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-BAG (Bicycle Advocacy Group) qalu li hemm nuqqas ta' post fejn jitpoġġew il-bicycles. Saret talba biex issir waħda differenti fi Triq Bisazza. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa għalfejn hemm zewg *un/loading bays* fin-naħa ta' fuq ta' Triq Bisazza. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar dan. *Bicycle rack*

91.4.9 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għas-siġar ta' Fond Għadir fejn tlabna permess mill-ERA biex jiġu mnehhija minhabba perikolu. Il-Kunsillier Portelli talab biex il-Kunsill isaqsi lill ELC biex dawn jiġu mibdula. *Siġar Fond Għadir*

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li dwar iz-zabra tas-siġar fi Triq it-Torri, is-Segretarju Ezekuttiv kien kitteb biex ma jġibuhomx zkuk. Madankollu l-ELC ma ridux għaliex mhix skont it-teknika ta' kif isir *pruning* ghal din il-kwalita ta' sigra. Kien hemm qbil li jekk ma jridux l-ELC jghamlu *light pruning*, il-Kunsill jikteb u jgħid li wara deċizjoni tal-Kunsill, il-Kunsill qiegħed jitlob biex isir *light pruning*, u jinfurmawna meta tkun se ssir ħalli l-Kunsill jibgħat lis-Sur Alfred Baldacchino li hu Arborist sabiex issir kif il-Kunsill qiegħed jitlob.

91.4.10 Is-Segretarju informa li l-fuljett tal-Kunsill qiegħed jitqassam. *Magazine tal-Kunsill*

91.4.11 Il-Kunsill għandu jara kif jista jnaddaf Triq Parisio max-Xatt għaliex dejjem mimlija skart. *Triq Parisio*

91.4.12 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-proċess tal-proġett tas-siġar fi Triq Dingli. It-tender dwar il-ħadid li jrid jitpoġġa qiegħed jiġi evalwat u l-Kunsill qiegħed jistenna kampjuni wkoll. Ix-xogħol mistenni jibda fis-7 ta' Jannar 2019. *Proġett Triq Dingli*

91.4.13 Il-Viċi Sinkdu propona li l-*culverts* ta' wara *Compass Lounge* għandhom bzonn jinfetħu u jiġu mnaddfa. Kien hemm qbil dwar dan. *Culverts*

91.4.14 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Triq Don Rua għalxiex ma saritx *one way*. Il-Kunsill kien diġa bgħat ittri lir-residenti. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jibgħat din id-darba tkun kemm bl-Ingliz kif ukoll bil-Malti, skont l-indirizzi tar-reġistru elettorali. Ir-risposti jridu jintbgħatu lura b'dettalji ta' id cards u indirizzi. Kien hemm qbil li tintbgħat f'Jannar 2019. *Triq Don Rua*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8.20pm*

91.4.15 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet dwar Tower Lane biex l-isem jiġi mibdul għal Tony Nichol. Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta u ghaldaqstant ser jintbghat *reminder*.

91.4.16 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa dwar il-proġett ta' Triq Dingli u saqsa jekk appart il-ħadid, is-siġar hux ordnati. Il-Kunsill qiegħed f'diskussjonjiet ma' P.A.R.K.S. Għandu jsir *planning meeting* qabel ma jibda x-xogħol. Il-laqgħa qegħda tiġi proposta għat-3 ta' Jannar 2019, izda din trid tiġi kkonfermata. Townsquare se jkunu qegħdin jtuna xi siġar ukoll. *Triq Dingli*

91.4.17 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-fanali tal-Enemalta li qegħdin matul Triq it-Torri huma perikoluzi ħafna għaliex kollha msaddin. Il-Kunsillier J. Pillow talab biex il-bozoz tagħhom ikunu kollha LEDs. Zied jgħid ukoll li hemm xi fanali mkissrin ukoll fi Qi Si Sana mal-*promenade*. Il-Kunsill għandu jikteb l-Enemalta u jghamel budget ghall-fanali tal-*promenade* sabiex jinbidlu. *Arbli tal-Enemalta*

91.4.18 Kien hemm qbil li l-Kunsil jikteb lil *Infrastructure Malta* għax hemm bzonn terġa ssir il-*crash barrier* fi Triq it-Torri fis-*centre strip* ta' quddiem it-Torri. Il-Kunsill qiegħed jara l-possibilta li ssir min-naħa tagħhom. *Crash barrier*

91.4.19 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet biex tissewwa ħofra li hemm fix-Xatt kif ukoll oħra li hemm Triq Windsor. *Hofor*

91.4.20 Il-Kunsill ġie mfakkar li fit-12 ta' Jannar il-Kunsilliera u l-istaff se jiltaqgħu biex naraw kif tinħadem s-sistema *online* għall-ilmenti/suġġerimenti. *Sistema online*

91.4.21 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li meta tmut siġra suppost tiġi mħawwla oħra mil-ELC. Qal dan fl-isfond li dawk is-sigar li inqatghu wara l-Gabbana, ghadhom ma inbidlux. *Sigar*

91.4.22 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-*pelican lights* ta' quddiem Burger King fix-Xatt ta' Tigne, qatt ma reġgħu saru mit-TM. Qal ukoll li l-*belisha light* fi Triq Tigne hemm bzonn terġa tinbidel wara li kien hemm accident tat-traffiku. Il-Kunsill qabel. *Pelican lights*

91.4.23 Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lit-Transport Malta dwar il-car park tax-Xatt. l-Kunsill qabel li jsir passaġġ għal pubbliku bejn zebra crossing u oħra. Irridu ninfurmawhom ukoll dwar il-mod kif qed jintalab il-hlas u li qed izomm it-traffiku fi Triq ix-Xatt. *Car park – The Strand*

## 91.5 RAPPORTI

91.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 91.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

91.6.1 Ma kienx hemm aktar rapporti

## 91.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

91.7.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

91.7.2 Il-Kunsillier P. Radmilli rrefera għall-pagament numru 72 u innota li hemm zball fl-isem.

91.7.3 Gew innotati pagamenti numru 24 u 25 pagabbli lil G3B. Gie nnotat li peress li prezentament Ferro Bay magħluqa l-kontijiet li jmiss dan l-ammont irid jitnaqqas.

91.7.4 Dwar il-pagament tal-Wasteserv għat-*tipping fees*, ġie nnotat li l-kont min Novembru suppost jibda jitnaqqas minhabba li issa qed jingabar l-*organic waste*.

91.7.5 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-kumitat tal-finanzi jiltaqa' fil-bidu ta' Jannar 2019. Il-kumitat irid jiddiskuti wkoll it-tnaqqis fil-kontijiet tal-ġbir tal-iskart minħabba l-iskart organiku u jara li dawn forsi jintefqu f'aktar knis.

91.7.6 Kien hemm qbil li r-ritratt li ttieħed tal-Kunsilliera u staff, fl-attivita tas-Sliema Wirt u Niesha jittella' fuq *facebook* u jiġi stampat.

91.7.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li qegħdin inħallsu għal website meta din mhix tiġi aġġornata. Il-Kunsillier P. Portelli wieġeb li bilfors li l-Kunsill iħallas għad-*domain*.

91.7.8 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa x'għad fadal spejjez għall-proġett tal-*carpark*.

91.7.9 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li meta jinħareġ tender għal xi proġett bhal *car park*, noħorġuh ukoll għad-*design, build and operate*.

91.7.10 Kien hemm qbil li r-*rubber tiles* nieqsa li hemm fil-*playing field* ta' taħt it-Torri jiġu mwaħħla. Kien hemm qbil li r-*railings* jinzebgħu b'kuluri differenti.

91.7.11 Ġie nnotat ukoll li iċ-ċimbli li hemm fil-*playing field* ta' Gnien Indipendenza huma perikoluzi. Il-Kunsill għandu jara dan.

91.7.12 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**91.8 MOZZJONIJIET**

91.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**91.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

91.9.1 Is-seduta ntemmet fid-9.30 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 15 ta' Jannar 2019

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**